# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru wieħed u sittin (61) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li saret b'urġenza nhar it-Tnejn 26 ta' Lulju, 2010, fil-5:30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

**Armar ta' Kjosk – Festa 2010**

2. Is-SE ikkonferma li applikaw 9 persuni għal Kjosks ta' l-ikel fil-festa ta' Ħal Safi sad-data ta' għeluq ta' l-applikazzjonijiet, nhar il-Ġimgħa 23 ta' Lulju. Kien hemm persuna oħra li applikat wara din id-data. Kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti, dan l-applikant ġie aċċettat imma mhux ser jitla bil-polza ma l-applikanti l-oħra. Il-poloz ser isiru bil-mod li ġej :

   a) Jintefaw l-ismijiet tad-disgħa applikanti ġo kontenitur;
   b) Jitella' l-isem ta' kull applikant wieħed wieħed u jiġi mistoqsi l-preferenza tal-post tiegħu. Hekk l-applikant ma jkunx preżenti, jingħata l-post ta' preferenza kif indikat fuq l-applikazzjoni tiegħu.
   c) L-għaxar applikant jingħata l-aħħar post li jkun fadal.

3. Applikazzjonijiet oħra mhux ser jiġu aċċettati għaliex intlaħaq il-massimu tal-postijiet disponibbli.

4. Eddie Bonello rrimarka li l-Kunsill għandu jċempel lil bejjiegħa tal-qubbajt tas-sena l-oħra sabiex jiġi ikkonfermat posthom fil-festa.

5. Il-Kunsilliera qalbu li l-bejjiegħa tal-qubbajt u tal-ġugarelli ma jużawx ġeneraturi tad-dawl. Din ir-regola għanda titniżżel fl-applikazzjoni tal-permess. Il-Kiosks ta' l-ikel jistaw jużaw generators li ma jagħmlux ħsejjes u li ma jqattrux żejt.

**Problema f’Triq Santa Marija**

6. Wieħed mir-residenti lmentat mas-Sindku li qed tħokk il-karozza mal-bankina biex idaħħal il-karozza fil-*garage*. Is-Sindku qabel verbalment ma dan ir-resident li l-bankina tinqala' u issir livell wieħed hekk kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti li jsir għal kull bankina li qeda ħażin. Din il-persuna qablet minkejja li ser ikollha tagħmel użu ta’ rampi ta’ l-injam biex idaħħal il-karozza. Il-kuntrattur ġie infurmat u ser jibda x-xogħol għada stess.

7. Publius Abdilla rimarka li l-kuntrattur għandu jirranġa wkoll waħda mill-*inspections* ta’ l-ilma li hemm f’Misraħ San Ġużepp.

8. Kunsillier irrimarka li ħanut fi Triq Santa Marija li qiegħed fejn saru l-bankini ġodda reġa' waħħal pjanċa ikbar milli kellu eżistenti quddiem ħanut wara li din kienet tneħħiet sabiex issir il-bankina l-ġdida. Għalkemm is-Sindku qal li il-pjanċa ma tidhirx ikbar, il-Kunsilliera qablu unanimament li din hija *eye-soar* u qed tkerrah l-ambjent. Is-Sindku qal li huwa tkellem ma’ Sid il-ħanut fejn dan ta’ l-aħħar spjegalu li huwa reġa' waħħal din il-pjanċa sabiex tilqa' t-tfal li joħorġu mill-ħanut kif wkoll tilqa' l-ilma tax-xita u l-egżost tal-karozzi. Is-Sid sostna wkoll li din il-pjanċa ilha imwaħla 7 snin u b’hekk għandu dritt jerġa jwaħħalha fejn kienet. Francis Callus issuġġerixxa li jitwaħħlu bollards kwadri b’ftit stil antik u *frame* tal-ħadid li miegħu teħel ħġieġa *perspex* pulita. Is-Sindku issuġġerixxa li flok perspex din tista issir tal-majka. Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu unanimament li s-Sindku jkellem lis-Sid tal-ħanut sabiex titwaħħal struttura iżjed pulita minn dik eżistenti. Il-*frame* jsir għal spejjeż tal-Kunsill filwaqt li l-biċċa tan-nofs issir tal-perspex jew majka għal spejjeż ta Sid il-ħanut.

9. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 29 ta’ Lulju, 2010.

10. Il-laqgħa ntemmet fid-7:30pm.

Approvati llum 29/07/2010

Sindku Segretarju Eżekuttiv